



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 6.10.2011
SEG(2011) 1142 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u għas-Sajd li huma koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni, u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jabbroga r-Regolament (KE) Nru 1083/2006

{KUMM(2011) 615 finali}
{SEG(2011) 1141 finali}

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Din hija l-Valutazzjoni tal-Impatt tal-proposta leġiżlattiva għal regolament li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u għas-Sajd li huma koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni, u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jabroga r-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (ir-Regolament dwar id-dispożizzjonijiet komuni). Il-valutazzjoni tkopri kwistjonijiet relatati mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (il-FEŻR), mal-Fond Soċjali Ewropew (il-FSE) u mal-Fond ta' Koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' wara l-2013. Magħha saru wkoll valutazzjonijiet tal-impatt għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u għas-Sajd. Hija tagħmel parti minn pakkett ta' Valutazzjonijiet tal-Impatt, li jinkludi wkoll il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-FEŻR, tal-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolamenti tal-KTE, u l-Valutazzjoni tal-Impatt tar-Regolament tal-FSE.

Saru konsultazzjonijiet pubbliċi estensivi, bħall-Grupp ta' Livell Għoli dwar Linja Politika futura favur il-Koeżjoni, Task Force dwar il-Kundizzjonalità, u konsultazzjoni pubblika bejn it-12 ta' Novembru 2010 u l-31 ta' Jannar 2011 dwar il-Konklużjonijiet tal-Ħames rapport dwar il-Koeżjoni¹.

Il-Ħames Rapport dwar il-Koeżjoni u l-evalwazzjonijiet ex-post tal-programmi differenti tal-perjodu bejn l-2000 u l-2006 jagħtu prova li l-linja politika favur il-koeżjoni tat kontribut sinifikanti biex it-tkabbir u l-ġid jixterdu madwar l-Unjoni u biex il-prijoritajiet tal-linji politiċi Ewropej jitwettqu, filwaqt li jitnaqqsu l-inugwaljanzi ekonomiċi, soċjali u territorjali². Madanakollu, hemm għadd ta' problemi li jeħtieġ li jiġu indirizzati:

1.1. Il-problema marbuta mal-kapaċità li nagħtu valur miżjud Ewropew

a) It-tqassim ġeografiku tas-sostenn

Il-problema għandha x'taqsam ma' kemm il-linja politika favur il-koeżjoni qed tkopri bl-aħjar mod possibbli t-territorju ġeografiku. Uħud jargumentaw li jeħtieġ li jibqa' jkollna kopertura sħiħa jekk irridu li l-Istrateġija Ewropa 2020 tiġi sostnuta fir-reġjuni kollha u jkomplu jitnaqqsu l-inugwaljanzi madwar l-Unjoni. Oħrajn jargumentaw li bil-pressjoni dejjem tikber fuq il-finanzi pubbliċi, jista' jsir użu aħjar tar-riżorsi allokatati għal reġjuni iktar għonja.

b) Nikkonċentraw fuq għadd limitat ta' priyoritajiet skont l-istrateġija Ewropa 2020

Teżisti loġika b'saħħitha favur li l-linja politika favur il-koeżjoni **tikkonċentra fuq il-prijoritajiet tal-UE**. L-istrateġija Ewropa 2020 tipprovdi kemm sett ċar ta' objettivi komuni, inklużi miri ewlenin u inizjattivi ewlenin, u qafas ċar għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet għall-finanzjament. Hekk, is-sensil espliċitu bejn il-linja politika favur il-koeżjoni u l-Ewropa 2020 jipprovdi l-

¹ "Results of the public consultation on the conclusions of the fifth report on economic, social and territorial cohesion, Brussell", Dokument ta' Hidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, SEC(2011) 590 finali, 13.5.2011.

² Il-Ħames Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali, Novembru 2010. Rapport ta' Sintesi dwar l-Evalwazzjoni Ex-post tal-Programmi tal-Linja Politika favur il-Koeżjoni 2000-06 b'parti minnhom iffinanzjata mill-FEŻR (Objettiv 1 u 2), imħejji minn Applica, Ismeri, The Vienna Institute for International Economic Studies, April 2010. Għal diskussjoni aktar elaborata dar il-kisbiet u n-nuqqasijiet tal-linja politika favur il-koeżjoni fir-rigward tat-tnaqqis tal-inugwaljanzi ara t-Taqsima 2.5.

opportunità kemm li nibqgħu ngħinu lir-reġjuni tal-UE li huma ifqar biex ilaħħqu mal-bqija, kif ukoll li lil-linja politika dwar il-koeżjoni nkomplu niżviluppawha f'għodda importanti li tippermetti li jseħħ tkabbir għall-UE kollha kemm hi. Biex dan iseħħ, jeħtieġ li jiġu indirizzati għadd ta' problemi.

- a) **In-nuqqas ta' konċentrazzjoni fuq l-oġġettivi strateġiċi.** Għadd ta' studji u evalwazzjonijiet ex-post urew li hemm problemi minħabba li mhemmx biżżejjed konċentrazzjoni fuq l-oġġettivi strateġiċi, mhemmx biżżejjed orjentazzjoni lejn il-kisba tar-riżultati u hemm nuqqas ta' inċentivi biex tiġi promossa l-konċentrazzjoni fuq il-kisba tar-riżultati. Saru tentattivi biex tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' konċentrazzjoni ikbar fuq il-prijoritajiet u l-oġġettivi strateġiċi fil-perjodu bejn l-2007 u l-2013, iżda l-impatt kien limitat.
- b) **In-nuqqas ta' kapaċità li wieħed ibassar il-volumi tal-finanzjament għall-FSE.** Minkejja l-importanza li l-postijiet tax-xogħol u l-ħiliet għandhom għall-Istrateġija Ewropa 2020, fl-aħħar erba' perjodi ta' programmazzjoni l-importanza tal-proporzjon tal-allokazzjonijiet għall-FSE meta mqabbel mal-allokazzjonijiet (għall-FSE, għall-FEŻR u għall-FK) naqset konsistentement minn 40% fil-perjodu bejn l-1989 u l-1993 għal 22% fil-perjodu ta' programmazzjoni ta' bħalissa.
- c) **Il-fatt li mhemmx biżżejjed koordinazzjoni.** Marbuta maż-żewġ problemi msemmijin hawn fuq hemm il-kwistjoni tal-fatt li mhemmx biżżejjed koordinazzjoni u kumplimentarjetà bejn il-fondi differenti (l-FSE, il-FEŻR u l-FK) u linji politiċi u strumenti finanzjarji oħrajn tal-UE kif ukoll il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-Istati Membri. Dwar il-koordinazzjoni, daww li għandhom interessi fil-qasam spiss jilmentaw dwar il-komplessità li tirriżulta minn skemi li jisporġu waħda fuq l-oħra jew minn nuqqas ta' koordinazzjoni fil-livell strateġiku.

1.2. Problemi relatati mal-effikaċja tal-linja politika

Minħabba li hija linja politika msejsa fuq il-prinċipji tal-ġestjoni kondiviża, il-linja politika favur il-koeżjoni spiss kienet ikkaratterizzata minn antagoniżmu bejn, fuq in-naħa l-waħda, enfasi fuq il-ksib tal-aħjar riżultati possibbli u, fuq in-naħa l-oħra, li jkun hemm allokazzjoni finanzjarja prevedibbli għal perjodu ta' 7 snin b'rekwiżiti stretti u marbutin biż-żmien biex dawn il-flus jintefqu.

Il-kundizzjonijiet ġenerali tal-linji politiċi, regulatorji u istituzzjonali

L-effettività tal-fondi strutturali tiddependi fuq li jkun hemm linji politiċi makroekonomiċi b'saħħithom, ambjent mikroekonomiku favorevoli, u qafas istituzzjonali qawwi.

Il-kundizzjonijiet makrofiskali

Il-qafas regulatorju ta' bħalissa jipprovdi għall-kundizzjonalità makrofiskali fil-Fond ta' Koeżjoni sabiex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-programmi tal-istabbiltà u tal-konverġenza u jiġi evitat li jkun hemm defiċit eċċessiv. Hemm fejn ir-regoli eżistenti jiġu rriveduti u fejn jiġu allinjati mal-miżuri ta' infurzar il-ġodda tal-PST li għandhom jiġu adottati bħala parti mis-Sitt Pakkett tal-Governanza Ekonomika.

L-effikaċja meta wieħed jaraha mill-aspett ta' kemm ikunu ntlaħqu l-oġġettivi u l-miri ffixati

Għalkemm l-evalwazzjonijiet ex-post tal-perjodu bejn l-2000 u l-2006 jagħtu 'l wieħed x'jifhem li l-linja politika favur il-koeżjoni kellha effetti mifruxin sinifikanti u immedjati fuq il-linji politiċi domestiċi, b'mod partikulari fl-oqsma tal-ippjanar strateġiku, tal-kultura tal-evalwazzjoni, u tal-

orientazzjoni lejn l-effikaċja fil-linji politiċi nazzjonali, għadhom jeżistu għadd ta' problemi b'rabta mal-monitoraġġ u mal-evalwazzjoni, u dan jagħmilha diffiċli biex wieħed jagħraf ir-riżultati miksubin.

1.3. Il-problemi relatati mat-twettiq tal-linja politika

Biex ikun hemm ġestjoni tajba, effettiva u effiċjenti tat-twettiq tar-riżorsi marbutin mal-linja politika favur il-koeżjoni, irid ikun hemm strutturi xerqin, effettivi u trasparenti fl-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali.

1.4. Il-ġustifikazzjoni għall-azzjoni meħuda mill-UE

L-azzjoni min-naħa tal-UE hija ġġustifikata fuq il-bażi kemm tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 174 tat-Trattat kif ukoll tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Id-dritt tal-UE li tagħxi jgħod li "[l-Unjoni] għandha tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri", kif ukoll mill-Artikolu 175 tat-TFUE, li jitolb b'mod espliċitu li l-Unjoni twettaq din il-linja politika permezz tal-Fondi Strutturali, u mill-Artikolu 177, li jiddefinixxi l-irwol tal-Fond ta' Koeżjoni. L-għanijiet tal-Fond Soċjali Ewropew (il-FSE), tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (il-FEŻR) u tal-Fond ta' Koeżjoni (il-FK) huma ddefiniti fl-Artikoli 162, 176 u 177.

2. L-OBJETTIVI

L-oġġettiv ġenerali huwa ddefinit fit-Trattat sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ibbilanċjat u armonjuż tal-Istati Membri u tar-reġjuni u jitnaqqsu d-diverġenzi bejn il-livelli tal-iżvilupp tad-diversi reġjuni u n-nuqqas ta' progress ta' dawk ir-reġjuni li huma inqas ivvantaġġati.

L-oġġettivi speċifiċi huma li l-Istati Membri u r-reġjuni jiġu megħjunin biex jippromwovu t-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv skont l-istrateġija Ewropa 2020 billi jindirizzaw il-problemi speċifiċi. Meta wieħed iqis l-ambitu ta' din il-valutazzjoni tal-impatt, l-oġġettivi speċifiċi qegħdin hemm biex jiżguraw li l-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni jintefqu:

- b'mod li jipprovdi **valur miżjud Ewropew għoli**,
- **b'mod effettiv** – li jfisser li jintużaw b'mod li jinkiseb l-ikbar impatt possibbli,
- **b'mod effiċjenti** – jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ineffiċjenzi kkaġunati minn rekwiżiti amministrattivi mhux neċessarji jew minn proċeduri kkumplikati żżejjed u jingħataw inċentivi favur l-użu effiċjenti tar-riżorsi.

Kwistjonijiet ġenerali bħal dawn jiġu tradotti f'dawn l-oġġettivi operazzjonali marbutin mal-linja politika:

- **li nikkonċentraw** ir-riżorsi tal-linja politika favur il-koeżjoni fuq l-iżvilupp ta' qafas ta' kundizzjonijiet li jwassal għall-iżvilupp u t-tkabbir sostenibbli, sabiex niksibu l-oġġla valur miżjud Ewropew,
- li fir-regolamenti nipprovdu l-mekkaniżmi xerqin sabiex nippermettu li jseħħ **allinjament sħiħ mal-istrateġija, l-oġġettivi u l-miri ewlenin tal-Ewropa 2020**,
- li niżguraw li jkun hemm **l-aħjar koordinazzjoni possibbli** bejn il-Fondi nfushom u ma' strumenti finanzjarji oħrajn,

- li niffissaw **miri ċari u li jistgħu jitkejlu**,
- li noħolqu l-ekwilibriju t-tajjeb bejn, min-naħa l-waħda, **spejjeż amministrattivi/piż amministrattiv baxxi** għall-awtoritajiet responsabbli mill-ġestjoni u għall-benefiċjarji, u, min-naħa l-oħra, li **nnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskju għall-baġit tal-UE**.

3. GĦAŻLIET, ANALIŻI U TQABBIL

Fid-29 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni adottat proposta għall-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020. Din il-proposta għamlet sejħa biex tissaħħaħ l-effettività tan-nefqa fuq il-koeżjoni. Hemm għadd ta' għażliet li fit-tfassil tagħhom jirriflettu l-proposta.

3.1. Niżguraw li l-valur miżjud Ewropew iseħħ

Jekk inħarsu lejha mill-aspett tal-**konċentrazzjoni ġeografika tas-sostenn**, l-Għażla 1 taħseb għal xenarju fejn ma sseħħ l-ebda bidla, b'konċentrazzjoni tas-sostenn fuq ir-reġjuni inqas żviluppatti, u r-reġjuni tal-konverġenza li bħalissa jaqbzū l-livell limitu ta' 75% jibbenefikaw minn sostenn li jitnaqqas bil-ftit il-ftit. L-Għażla 2 tkun bħalha iżda bid-differenza ewlenija li tiġi stabbilita kategorija ġdida ta' tranżizzjoni, li tieħu post is-sistemi statistiċi ta' bħalissa li biha l-għajnuna titneħħa u tiddaħħal bil-ftit il-ftit. L-Għażla 3 tippreżenta metodu aktar radikali, fejn ma jingħata l-ebda sostenn bħala parti mil-linja politika favur il-koeżjoni ħlief lil Stati Membri b'medja ta' ING għal kull ras ta' inqas minn 90% tal-medja per capita tal-Unjoni. Bl-Għażla 3, ir-reġjuni li jgawdu mill-mekkaniżmu li permezz tiegħu s-sostenn jiddaħħal u jitneħħa bil-ftit il-ftit, kif ukoll ir-reġjuni li jaqgħu taħt l-oġġettiv tal-Kompetittività ma jkunux eliġibbli għal interventi bħala parti mil-linja politika favur il-koeżjoni.

Tabella 1: L-allokazzjoni tal-baġit għal kull Għażla

	Għażla 1	Għażla 2	Għażla 3
Reġjuni inqas żviluppatti	70.3%	67.9%	100%
Reġjuni ta' tranżizzjoni	8.4%	13.5%	0%
Reġjuni iktar żviluppatti	21.3%	18.6%	0%
Total	100%	100%	100%

L-għażliet 1 u 2 jiżguraw li tiġi koperta, b'intensitajiet differenti ta' għajnuna, il-popolazzjoni tal-UE kollha kemm hi. Għalhekk, ir-reġjuni kollha tal-UE jiksbu sostenn mil-linja politika favur il-koeżjoni, filwaqt li l-Għażla 3 tiżgura li r-riżorsi tal-linja politika favur il-koeżjoni jkunu kkonċentrai biss fuq l-Istati Membri li huma maqtugħin lura. Hija biss l-Għażla 2 li tipprovdi kopertura aktar komprensiva tal-popolazzjoni permezz tal-kategorija tar-reġjuni intermedji, u minn fost l-għażliet kollha hija dik li ġġib l-ogħla tkabbir tal-PDG filwaqt li tipprovdi intensitajiet qawwijin ta' għajnuna lir-reġjuni li huma maqtugħin lura.

Jekk inħarsu lejha mill-aspett tal-**konċentrazzjoni fuq il-prijoritajiet tal-UE**, l-Għażla 1 tipprovdi għall-assenjazzjoni tan-nefqa għall-oġġettivi tal-Ewropa 2020 u għall-applikazzjoni tal-Linji Gwida Strateġiċi tal-Komunità fil-livell tal-UE. L-Għażla 2 tagħmel pass aktar b'lista ta' oġġettivi tematiċi marbutin direttament mal-istrateġija Ewropa 2020 u li jiddefinixxu l-prijoritajiet tal-investment għall-fondi. Il-konċentrazzjoni fuq il-prijoritajiet tal-UE se tissaħħaħ billi f'ċerti oqsma li jaqgħu taħt il-linja politika jiġi ffissat l-inqas proporzjon ta' għajnuna li tista' tingħata bħala sostenn mill-fondi strutturali. Meta wieħed iqis il-kopertura ġeografika limitata bl-Għażla 3, il-konċentrazzjoni fuq il-prijoritajiet tal-UE sseħħ biss fl-Istati Membri li huma inqas żviluppatti.

L-Għażla 1 tippreżenta metodu iktar flessibbli għall-Istati Membri permezz tad-dispożizzjonijiet dwar l-assenjazzjoni, filwaqt li l-Għażla 2 tipprovdi rabta aktar viżibbli u komprensiva mal-miri ewlenin u l-Linji Gwida Integrati tal-Ewropa 2020 L-Għażla 3 tikkonċentra biss fuq il-prijoritajiet tal-UE fil-pajjiżi inqas żviluppati. Għalhekk, l-Għażla 2 hija l-iktar waħda li tikkontribwixxi għall-miri ewlenin, filwaqt li l-Għażla 1 twassal għal frammentazzjoni tal-interventi bħala parti mil-linja politika favur il-koeżjoni.

Rigward il-viżibbiltà tal-finanzjament għall-FSE u l-possibbiltà li wieħed ibassru, huma biss l-għażliet 2 u 3 li jiżguraw proporzjonijiet minimi għall-FSE, filwaqt li l-Għażla 1 tkun tippermetti lill-Istati Membri l-flessibbiltà li jinnegozjaw l-allokazzjoni tagħhom mill-FSE skont htigijiethom.

Jekk wieħed iħares lejn is-sitwazzjoni mill-aspett tal-koordinazzjoni ma' linji politiċi u strumenti finanzjarji oħrajn tal-UE, l-għażliet 1 u 2 jirrappreżentaw metodu li jimxi pass wara pass lejn l-allinjament strateġiku mal-Ewropa 2020. Filwaqt li l-Għażla 1 tipprovdi allinjament laxk imsejjes fuq il-Linji Gwida Strateġiċi tal-Komunità, li ma jorbtux, l-Għażla 2 tipprovdi allinjament aktar komprensiv mal-oġettivi tal-Ewropa 2020 permezz tal-Qafas Strateġiku Komuni u tal-Kuntratt tas-Sħubija, filwaqt li l-Għażla 3 ma tipprovdi l-ebda allinjament li jmur lil hinn mill-konformità formali. Il-kontribut tal-miri ewlenin tal-Ewropa 2020 huwa l-ikbar fl-Għażla 2 minħabba li l-qafas strateġiku tagħha jorbot iktar, filwaqt li huwa iżgħar fl-Għażla 1 u l-ikken fl-Għażla 3 minħabba li ma torbotx u minħabba l-kopertura ġeografika iżgħar.

Mill-konċentrazzjoni ġeografika sal-koordinazzjoni ma' linji politiċi u strumenti finanzjarji oħrajn tal-UE, l-Għażla 2 tagħti l-ogħla valur miżjud Ewropew.

3.2. Inkabbru l-effikaċja tal-linja politika

3.2.1. L-Għażla 1 – Jibqa' kolloxx kif inhu

Fil-każ tal-għażla li ma ssir l-ebda bidla fil-linja politika, jibqgħu jeżistu l-kundizzjonalitajiet li ġejjin:

- il-kundizzjonalità makrofiskali fil-qafas tal-Fond ta' Koeżjoni (għalkemm s'issa din qatt ma ġiet infurzata),
- ir-rispett lejn il-proċeduri,
- il-konformità mal-leġislazzjoni settorjali tal-UE li hija applikabbli direttament għall-investiment u xi kundizzjonalitajiet tematiċi marbutin mal-oqfsa strateġiċi.

Il-vantaġġ ewlieni ta' din l-għażla huwa li ma fihix rekwiżiti ġodda għall-awtoritajiet responsabbli mill-ġestjoni. L-iżvantaġġ ewlieni huwa li jibqgħu jeżistu l-ineffiċjenzi marbutin ma' kapaċità istituzzjonali fqira, man-nuqqas ta' konformità mal-leġislazzjoni tal-UE, u ma' linji politiċi fiskali u oqfsa strateġiċi inadegwati. Il-kundizzjonalità makrofiskali tal-Fond ta' Koeżjoni tibqa' diskrezzjonali. In-nuqqas ta' sistema li tippremja u tinċentiva l-ksib tar-riżultati jillimita l-impatt fuq l-effettività u l-effiċjenza tal-linja politika.

3.2.2. L-Għażla 2 – Kundizzjonalitajiet ex-ante

Il-kundizzjonalità ex-ante hija marbuta mal-issodisfar ta' kundizzjonijiet minn qabel li għandhom x'jaqsmu ma' oqfsa strateġiċi, regolatorji u istituzzjonali kif ukoll mat-twettiq tal-linja politika skont il-linji gwida tal-linja politika tal-UE. Jista' jagħti l-każ li l-kundizzjonijiet minn qabel ikunu saru qabel ma tiġi adottata l-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi. Madanakollu, f'xi każijiet, skont il-kuntest li jkun, jista' jkun hemm bżonn ta' aktar bidliet jew aġġustamenti u dawn ikunu marbutin

mal-obbligu li l-Istati Membri u r-reġjuni jfasslu skeda ta' żmien li torbot għat-twettiq tal-impenji tagħhom. It-twettiq innifsu tal-impenji jiġi mmoniterjat.

Il-vantaġġ ewlieni ta' din l-għażla hu li żżid l-effettività tan-nefqa fuq il-koeżjoni billi tistabbilixxi kundizzjonijiet regolatorji, strateġiċi u istituzzjonali minn qabel li huma neċessarji biex l-investimenti jkunu effettivi. L-iżvantaġġ ewlieni ta' din l-għażla jinsab fir-riskju li l-programmi jdumu ma jibdew u li jiżdied il-piż amministrattiv.

3.2.3. *L-Għażla 3 – Qafas għall-effikaċja u riserva għall-effikaċja*

Jinħoloq qafas għall-effikaċja, li jesprimi l-pass li bih ikun irid isir progress lejn l-oġettivi u l-miri ffissati fil-bidu tal-perjodu billi jiġu stabbiliti miri intermedji – "stadji". Dawn ikunu marbutin ma' impenji, ma' x'joħroġ mill-programmi u, fejn ikun xieraq, man-nefqa u mar-risultati. Il-qafas għall-effikaċja jintlaħaq qbil dwaru fil-Kuntratti tas-Sħubija u fil-programmi. **Ir-riserva għall-effikaċja** tkun allokata lill-Istat Membru għal programmi/assi prijoritarji li jkunu waslu fl-istadji fejn kellhom jaslu.

Il-vantaġġ ewlieni ta' din l-għażla huwa li ddaħħal mekkaniżmu li jagħti inċentiv favur il-kontribut tal-fondi biex jintlaħqu l-oġettivi u l-miri Ewropej, filwaqt li tiffoka fuq il-miri li jintlaħqu, timmoniterjahom u tirrapporta dwarhom. L-iżvantaġġ ewlieni huma żieda fil-piż amministrattiv, l-isfida ta' tekniki robusti għall-kejl, kif ukoll l-inċertezzi li jinħolqu meta jiġu sospiżi l-programmi.

3.2.4. *L-Għażla 4 – Kundizzjonalità makrofiskali msaħħa*

Il-kundizzjonalità makrofiskali tal-linja politika favur il-koeżjoni tista' tissaħħaħ f'żewġ stadji:

- (i) Tista' tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-kundizzjonalità eżistenti tal-Fond ta' Koeżjoni billi jiġu rriveduti d-dispożizzjonijiet eżistenti għat-twettiq tiegħu, bħall-iskattar potenzjalment aktar bikri fil-PŻE, is-sospensjoni gradwali tal-impenji kollha jew ta' parti minnhom fil-każ ta' ksur ripetut tal-PST fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet ex-ante oġġettivi u trasparenti.
- (ii) Dawn ir-regoli rriveduti dwar il-kundizzjonalità makrofiskali tal-Fond ta' Koeżjoni jistgħu jiġu estiżi għall-Fondi Strutturali minħabba li l-effettività tagħhom hija dipendenti wkoll fuq li jkun hemm linji politiċi makroekonomiċi u fiskali b'saħħithom li jwasslu għat-tkabbir.

3.2.5. *L-Għażla 5 – Taħlita tal-għażliet 2, 3 u 4*

Din l-għażla tiġbor flimkien l-elementi kollha tal-Għażla 2, tal-Għażla 3 u tal-Għażla 4, inklużi l-elementi li ġejjin (i) il-kundizzjonalità ex-ante; (ii) il-qafas għall-effikaċja u r-riserva għall-effikaċja u (iii) kundizzjonalità makrofiskali msaħħa, inkluża l-estensjoni għall-fondi strutturali.

Il-vantaġġ ewlieni ta' din l-għażla jkun li tindirizza l-problemi kollha li ġew identifikati b'rabta mal-effikaċja tal-linja politika. Tiżgura kundizzjonijiet strateġiċi, regolatorji u istituzzjonali kif ukoll linji politiċi makrofiskali b'saħħithom. Tagħti inċentiv biex il-programmi jkunu effikaċi u timmoniterja l-effikaċja mill-aspett ta' kemm jintlaħqu l-oġettivi u l-miri marbutin ma' oġettivi u miri. L-iżvantaġġ ewlieni ta' din l-għażla jkun il-piż amministrattiv ikbar iġġenerat mill-ħtieġa li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet neċessarji u biex jiġi stabbilit il-qafas għall-effikaċja.

3.2.6. Tqabbil tal-għażliet flimkien fuq l-effikaċja

L-għażliet ġew ivvalutati fuq il-bażi tal-kontribut tagħhom biex jiġu indirizzati l-problemi relatati (i) mal-kundizzjonijiet strateġiċi, regolatorji u istituzzjonali minn qabel, (ii) mal-kundizzjonijiet makrofiskali u (iii) mal-effikaċja meta wieħed jaraha mill-aspett ta' kemm jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri. Sabiex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet neċessarji biex isir investiment effettiv, l-għażliet ġew ivvalutati skont il-prinċipji tal-Bank Dinji dwar il-kundizzjonalitajiet³.

L-Għażla 1 ma tantx tiżgura li jkun hemm il-kundizzjonijiet minn qabel neċessarji li huma meħtieġin biex is-sostenn ikun effettiv u biex jingħata inċentiv sabiex il-programmi jkunu effikaċi; L-Għażla 2 tkun tindirizza biss il-kundizzjonijiet minn qabel li huma neċessarji biex is-sostenn ikun effettiv; madanakollu, ma tantx tagħti inċentiv biex il-programmi jkunu fil-fatt effikaċi; filwaqt li L-Għażla 3 tkun tiffoka biss fuq dan tal-aħħar. L-għażla ppreferuta hija t-taħlita tal-Għażla 2, l-Għażla 3 u l-Għażla 4, li tkun tindirizza l-problemi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-effikaċja.

3.3. Nagħmlu t-tweġġiq aktar effiċjenti u nnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskju li jsiru l-iżbalji

3.3.1. *Simplifikazzjoni – innaqqsu l-ispejjeż amministrattivi u nnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskju li jsiru l-iżbalji*

3.3.1.1. L-Għażla 1 – L-ebda bidla fil-linja politika

- Isiru rimborżi fuq il-bażi tal-ispejjeż reali; xi għażliet fakultattivi ssimplifikati rigward l-ispejjeż
- L-ebda gwida sostanzjali dwar il-Governanza elettronika⁴ fil-livell tal-UE għall-implimentazzjoni tal-linja politika favur il-koeżjoni
- L-akkreditament nazzjonali tas-sistemi tal-ġestjoni u tal-kontroll b'reviżjoni 100% mill-Kummissjoni

3.3.1.2. L-Għażla 2 – Metodu flessibbli

- Għażliet flessibbli rigward il-ħlas, skont l-operazzjoni, li jiġu ddeterminati mill-benefiċjarji
- Governanza elettronika msejsa fuq il-linji gwida
- Ir-responsabbiltà għar-reviżjoni ex-ante tas-sistemi tal-ġestjoni u tal-kontroll (akkreditament nazzjonali biss) taqa' fuq l-Istat Membru

³ World Bank (2005), Review of World Bank Conditionality, Operations Policy and Country Services, Il-Bank Dinji, Washington, DC, Settembru.

⁴ Il-governanza elettronika fil-politika favur il-koeżjoni tkun biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji ma jintalbu jissottomettu l-istess informazzjoni aktar minn darba, u li l-informazzjoni tkun disponibbli u trażmessa f'format elettroniku.

3.3.1.3. L-Għażla 3 – Metodu preskrittiv

–	Pagamenti msejsin fuq ir-riżultati tanġibbli fil-qafas tal-proġett
–	Governanza elettronika obbligatorja fil-livell tal-UE
–	Ir-reviżjoni tas-sistemi tal-ġestjoni u tal-kontroll tagħmlu l-Kummissjoni

3.3.1.4. L-Għażla 4 – Metodu proporzjonali

–	Pagamenti msejsin fuq l-ispejjeż reali jew fuq għażliet issimplifikati rigward l-ispejjeż
–	Governanza elettronika obbligatorja fil-livell tal-Istati Membri jew tar-reġjuni
–	Metodu proporzjonali għall-eżami ex-ante tas-sistemi tal-ġestjoni u tal-kontroll

Id-differenzi ewlenin bejn l-għażliet għandhom x'jaqsmu mal-livell tal-involvement tal-Kummissjoni fil-valutazzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni u tal-kontroll; mad-disponibbiltà ta' għażliet rigward ir-rimborż li jkunu marbutin mar-riżultati; u mal-mekkaniżmu għall-promozzjoni tal-governanza elettronika fil-kuntest tal-linja politika favur il-koeżjoni.

L-Għażla 4, il-metodu proporzjonali, hija ppreferuta minħabba li tista' twassal għal tnaqqis sinifikanti fl-ispiża tal-kontrolli u għal tnaqqis fit-tagħbija tax-xogħol; għall-amministrazzjonijiet l-użu tal-metodu proporzjonali fir-rigward tal-assigurazzjoni jkun jirrappreżenta tnaqqis fit-tagħbija tax-xogħol ta' madwar 4% meta mqabbel mal-għażla li ma ssir l-ebda bidla. Mhux hekk biss: din l-għażla tirrispetta aħjar il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Barra minn dan, jista' jintlaħaq tnaqqis addizzjonali ta' bejn 5 u 10% billi jiġu ssimplifikati r-regoli u l-proċeduri nazzjonali għall-implimentazzjoni tar-regolamenti tal-UE u billi jitnaqqas l-ibbanjar nazzjonali bid-deheb (iż-żieda ta' rekwiżiti nazzjonali mar-regoli tal-UE).

3.3.2. *Koordinazzjoni bejn l-istrumenti tal-linja politika favur il-koeżjoni*

3.3.2.1. L-Għażla 1 – L-ebda bidla fil-linja politika

Il-programmazzjoni tal-FEŻR u tal-FSE tiegħu s-sura ta' programmi li jieħdu minn fond wieħed. Id-delimitazzjoni bejn il-fondi essenzjalment issir fuq il-bażi tat-tip tal-investment. Fil-livell operazzjonali, il-"finanzjament trażversali" ta' ċerti investimenti huwa permess permezz ta' klawżola ta' flessibbiltà.

3.3.2.2. L-Għażla 2 – Niffaċilitaw il-programmazzjoni integrata

B'din l-għażla, l-Istati Membri jkunu mħeġġin **jużaw programmi li jieħdu minn iktar minn fond wieħed**, bi proċessi komuni għat-tħejjija, għan-negozjar, għall-ġestjoni u għat-twettiq. Fejn xieraq, jiġi stabbilit "fond prinċipali", li jkun marbut mal-qasam (oqsmi) tal-linja politika li l-programm ikollu x'jaqsmu magħhom. L-interventi tal-fond prinċipali jkunu kkumplimentati b'interventi mill-fondi strutturali l-oħrajn sabiex jiġi żgurat sostenn koerenti għall-oġettivi tematiċi differenti skont il-linja politika favur il-koeżjoni.

3.3.2.3. L-Għażla 3 – Il-metodu ta' linja politika waħda u fond wieħed

B'din l-għażla, il-programmazzjoni tal-FEŻR u tal-FSE tista' tiegħu s-sura ta' **programmi li jieħdu minn fond wieħed jew ta' programmi li jieħdu minn aktar minn fond wieħed** u tista' toħloq delimitazzjoni stretta bejn il-fondi.

L-Għażla 2 tipprovdi l-ikbar kisbiet fl-effiċjenza kif ukoll l-oġġla grad ta' flessibbiltà. L-Għażla 1 iddaħħal piż amministrattiv ieħor (minħabba dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament trażversali), u l-Għażla 3 toħloq demarkazzjonijiet riġidi.

4. MONITERAĠĠ U EVALWAZZJONI

L-għażliet ippreżentati f'din il-Valutazzjoni tal-Impatt juru kif l-oġġettivi u l-kunċetti tal-linja politika jistgħu jiġu fformulati mill-ġdid biex jindirizzaw tliet kwistjonijiet partikulari. F'dan ir-rigward, il-moniteraġġ u l-evalwazzjoni għandhom sehem importanti. Fl-għażliet kollha dwar kif tista' ssir il-bidla, is-sistemi tal-moniteraġġ u tal-evalwazzjoni se jiġu rrinfurzati meta mqabblin mal-qagħda ta' bħalissa. Il-bidliet proposti għas-sistemi tal-moniteraġġ u tal-evalwazzjoni jtejbju l-enfasi fuq ir-riżultati u fuq l-allinjament mal-istrateġija tal-Ewropa 2020.

- Il-programmi kollha se jkollhom loġika aktar ċara rigward l-interventi, li se tkun ibbażata fuq deskrizzjoni ċara ta' kif ir-riżorsi minfuqin (inputs) fuq interventi partikulari (outputs) ikunu se jikkontribwixxu għar-riżultati.

Fil-programmi kollha, fejn ikun rilevanti, se jintuża sett ta' indikaturi komuni li jkun allinjat mal-oġġettivi tal-UE2020. Dawn l-indikaturi se jkunu jinkludu l-aktar dak li se jgħodġ mill-programmi, kif ukoll xi riżultati intermedji.